MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 17/2006

**John Bartolo**

**vs**

**International Machinery Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Ottubru, 2006, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunai Industrijali wara dikjarazzjoni tal-kaz li gie pprezentat quddiem it-Tribunal Industrijali datata 21 ta' Dicembru 2005 minn Nicholas Baldacchino tat-Taqsima Manifattura u Servizzi tal-Union Haddiema Maqghudin fejn talab illi dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u jiddeciedi fuqu.

John Bartolo maghruf bhala l-appellant kien assistit minn Dr. Ian Spiteri Bailey u ghall-International Machinery Limited deher l-Avukat Dr. Andrew Borg Cardona.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien beda l-impjieg tieghu mal-kumpanija International Machinery fl-ewwel ta' Novembru 2002 bhala Mechanical Machinery Assembler Assistant pero fil-27 ta' Awissu 2005 l-impjieg tieghu gie terminat minhabba ragunijiet ta' redundancy liema raguni mhiex valida skond il-Ligi stante li ix-xoghol li kien impjegat li jaghmel kien inghata lill-haddiehor waqt li ma gietx applikata il-principju tal-"Last in First out".

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li kienu tilfu l-kuntratti u kien hemm diversi impjegati fosthom l-appellant li kienu gew redundant u minn xi wiehed u ghoxrin impjegat issa hemm jahdmu xi tlettax l-impjegat u min gie terminat gie terminat abbazi tan-normi statutorji ta' “Last In First Out”.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi u l-ewwel xhud kien Saviour Coppini li xogholu huwa konsulent mal-kumpanija pero huwa ukoll azzjonista tal-istess kumpanija fejn iddikjara illi x' kienet taghmel il-kumpanija u spjega illi xoghol l-appellant kien li jizbogh u jaghmel manutenzjoni ta' strutturi kbar tal-metall. Impjegati ohrajn li gew warajh u ma gewx terminati kien minhabba l-fatt li kellhom sena waqt li l-appellant ma kellux sena. Fil-fatt gew impjegati erba' min-nies tnejn minnhom barranin u gew impjegati minhabba l-ewwel wiehed ghax huwa mekkanin kwalifikat l-iehor ghax huwa technician kwalifikat u t-tielet wiehed li huwa Malti ghax huwa welder kwalifikat u r-raba’ li huwa Malti ukoll huwa

inkarigat mill-workshop u huwa kwalifikat ukoll. L-istess xhud xehed illi li kieku kien hemm xoghol ghall-appellant kien izommu.

Xehed ukoll Philip Bonnici li huwa rapprezentant tal-Employment and Training Corporation fejn ezebixxi diversi dokumenti dwar l-impjegati, u Patrick Camilleri u hemm is-socjeta International Machinery Limited ghalqet il-provi taghha.

Xehed Patrick Anastasi li huwa l-accountant tal-kumpanija fejn iddikjara illi John Bartolo kien tkecca minhabba l-fatt li ma kienx hemm xoghol aktar ghalih.

Xehed John Bartolo li bil-gurament tieghu fejn qal li l-ewwel dahal bhala Assiatant Mechanic gewwa l-Freeport u wara xi zmien mar jaghmel xoghol ta' tikhil gewwa garaxx pero minhabba illi dahallu xi gir f’ ghajnejh baghtuh jahdem bhala sprayer fis-silos u dam hemm disa' xhur meta spiccalhom il-kuntratt u b' hekk tawh is-sensja.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u evalwa d-dokumenti estenzivi li gew prodotti inkluz d-diversi korrispondenza specjalment ic-certifikati tal-impjegati barranin fosthom ta' Dragoljo Jancic fejn gie dikjarat li huwa Mechanic ta' Bus Systems.

It-Tribunal ra ukoll l-kategorija li kien gie impjegat l-appellant jigifieri John Bartolo fejn l-isem tax-xoghol tieghu anki fir-records tal-ETC kien ta' Assistant Mechanical u l-istess Tribunal jinnota illi John Bartolo inghata xoghol li fil-bidu kellu aspett tekniku u wara kien jaghmel xoghol ta' bajjad u fl-ahhar xoghol ta' sprajer;

It-Tribunal ra ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Illi t-Tribunal jinnota illi John Bartolo kien impjegat bhala Asisstant Mechanic li ghalhekk kien impjegat fis-settur teknika tal-kumpanija u minn zmien ghal zmien kienu jaghtuh xoghol li ma kienx tekniku. Il-kumpanija kienet impjegat persuni ohra fejn irrizulta illi wkoll kien impjegat fis-sezzjoni teknika tal-kumpanija ghalkemm fil-grad ta' Mechanic. It-Tribunal jinnota illi din il-persuna ghalkemm jidher li kellha hafna esperjenza jidher ukoll li ma kellhiex kwalifiki ghax ma gewx ipprezentati xi kwalifiki kif kien hemm fil-kas tal-impegat l-iehor. Ix-xhud Saviour Coppini fix-xhieda tieghu iddikjara ukoll li din il-persuna kienet "kwalifikat" fatt li la gie ippruvat u ukoll tellef il-kredibilita tal-istess xhud biex ma nghidx li kien hemm dikjarazzjoni li ma kinetx korretta.

It-Tribunal qieghed jaghmilha cara illi qieghed jifhem illi meta persuna tkun kwalifikata dan ifisser illi ghandu kwalifiki bhal certifikati, diplomi jew korsiijiet li attenda u ghandu x'juri.

It-Tribunal ihoss ghalhekk illi kemm John Bartolo kif ukoll impjegat iehor li dahal wara kienu fl-istess kategorija ta' xoghol u ma gietx applikata il-principju ta' "Last in first Out"

It-Tribunal jixtieq li jghaddi kumment billi jghid illi saba difficili sabiex jasal ghal konkluzzjoni minhabba l-iskarsezza ta' xhieda.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements, dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija International Machinery Limited ma kellhiex ragun tkecci lill-impjegat John Bartolo minhabba ragunijiet ta' redundancy pero minhabba c-cokon tal-kumpanija

ma tistax tordna re-instatement tal-istess John Bartolo.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jilqa dan l-appell u jordna lis-socjeta International Machinery Limited thallas is-somma ta' elf Lira Maltin (LM 1,000) bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta’ erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din ii-kwistjoni tax-xoghol.”

Il-kumpanija intimata appellat minn din is-sentenza bl-aggravji li gejjin:-

(1) It-Tribunal Industrijali ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu dan ma irpozax l-argoment tieghu fuq in-ness li d-dispost tal-ligi, ex-Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 452, jaghmel mal-klassi ta’ impjieg ghal skop ta’ *redundancy* imma fuq deduzzjoni ta’ l-ezercizzju dirett ghall-ezami dwar jekk kienx hemm persuni akkademikament aktar kwalifikati mill-appellat;

(2) La darba t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni zbaljata dwar il-kwalifiki, attributi u funzjonijiet ta’ impjegati ohra fl-azjenda jigi illi t-Tribunal skarta provi rilevanti jew ma tahomx il-piz misthoqq u dan jikkostitwixxi nuqqas ta’ smiegh xieraq;

Huwa necessarju fl-istharrig ta’ dawn l-aggravji u li l-Qorti behsiebha tikkonsidra flimkien illi jigu iffokati, qabel xejn, certi aspetti tal-kaz li l-Qorti jidhrilha li huma rilevanti;

Jibda biex jigi osservat illi l-bazi li fuqha l-appellat iffonda l-impunjazzjoni tal-licenzjament tieghu ma kienetx dik singolari ta’ l-allegazzjoni tan-non-osservanza mill-

kumpanija tal-principju kontenut fl-Artikolu 36 (4) tal-Kapitolu 452 imma wkoll li kienet saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u li ma nghatax raguni valida u skond il-ligi ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg. Jigi osservat ukoll illi mill-mod kif koncepita l-parti decizorja tas-sentenza appellata r-raguni tat-tkeccija ta' l-appellat in virtu ta' ezercizzju ta' *redundancy* ma kienetx tenibbli. Wiehed jassumi illi din il-konkluzjoni tat-Tribunal kienet il-konsegwenza tar-ragonament minnu maghmul fil-parti razzjonali ta' l-istess sentenza fejn iddetermina li ma giex applikat mill-kumpanija l-principju tal-"*last in, first out*". Dan qed jigi rilevat ghaliex mhux ghal kollox car jekk kienx ukoll fl-intendiment tat-Tribunal illi dik r-*redundancy* effettwata ma kienetx ukoll genwina;

Intant, mill-atti jirrizulta illi r-raguni additata mis-socjeta` appellanti b' gustifikazzjoni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellat kienet dik li spicca jew tilfu l-kuntratt taz-zebgha, f' liema settur kien hadem l-appellat, u l-kumpanija htiegilha tirreduci n-numru ta' haddiema, presumibilment in bazi ghal konsiderazzjonijiet ekonomici u organizzattivi taghha f' dak il-mument. M' hemmx ghalfejn jinghad illi l-oneru probatorju ghas-sostenn tad-decizjoni mehuda mill-kumpanija kien jinkombi fuqha. Hi kellha tassolvi ruhha minn dan l-oneru billi turi, ghal konviciment tat-Tribunal, illi tali kienet ir-raguni ta' l-ezercizzju tar-*redundancy* u, fuq kollox, illi l-appellat ma kienx fl-istess klassi u grad ta' impjegati ohra li dahhlu warajh. Wiehed ma ghandux dejjem jinsa illi hawn qeghdin fil-kamp tal-kuntratti b' rapport specjali tax-xoghol krejat bil-volonta` taz-zewg partijiet (principal u impjegat) u, sakemm ma jkunx jezisti ftehim reciproku, min ihaddem hu fl-obbligu li jiddemostra illi t-terminazzjoni tal-kuntratt, u allura wkoll ta' l-impjieg, hi ghal raguni valida, kemm jekk si tratta minn decizjoni dixxiplinarja, kemm jekk ghal motiv ta' *redundancy* konness ma' l-eseigenzi produttivi, organizzattivi jew ghal gestjoni ekonomika ahjar tal-kumpanija;

F’ qaghda bhal din il-kompitu tat-Tribunal mhux dik li jissindika l-mod kif tkun operata l-azjenda izda li jikkontrolla u jivverifika jekk fir-realta jissussistix il-motiv dedott mill-kumpanija ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg. Jidher li hu proprju dan il-kontroll u din il-verifika li s-socjeta` appellanti tikkontrasta bl-appell taghha;

Fuq l-evalwazzjoni taghha tal-provi jidher li s-socjeta` appellanti titlaq mill-punt ta’ fatt illi l-appellat kien *labourer* minghajr sengha u l-ahhar li kien impjegat kien fid-divizjoni taz-zebgha. Minn dan il-punt tipprosegwi b’ dak l-iehor illi gjaladarba kellha nuqqas ta’ xoghol f’ dik l-attivita` partikulari li fiha kien jahdem l-appellat ma kellhiex ghazla hlief li tittermina l-impjieg tieghu ghal raguni ta’ *redundancy*. Fl-istess waqt l-istess socjeta` appellanti ghalkemm tirrikonoxxi li kienet zammet fl-impjieg haddiema ohra b’ anqas anzjanita`, tissottometti li dawn huma tas-sengha, ben kwalifikati f’ xogholhom u addetti f’ divizjonijiet ohra tal-kumpanija. Ara xhieda ta’ Saviour Coppini, konsulent tal-kumpanija appellanti, u dik ta’ Patrick Anastasi, *accountant* ma’ l-istess kumpanija;

Ferm dan il-kwadru tal-fatti kif rapprezentat mill-kumpanija appellanti, il-provi l-ohra processwali juru illi meta gie impjegat l-ewwel darba fl-1 ta’ Novembru 2002 l-appellat kien fi grad ta’ Assistant Mechanic u moghti l-mansjoni li jiggrizja l-krejnijiet u jaghmel xoghol ta’ mekkanik qabel ma tqabbad jaghmel xoghol ta’ tikhil u zebgha f’ garaxx tal-kumpanija u sussegwentement biex jassisti lil wiehed mill-i*sprayers* fit-tahlit taz-zebgha. Ara x-xhieda ta’ l-appellat u d-dokument tal-ETC a fol. 46 tal-process;

Minn dawn il-provi ta’ naha u ta’ ohra din il-Qorti qed taghmel din l-osservazzjoni li thoss li hi l-aktar rilevanti. Anke kieku kellha tammetti bhala veru u provat illi l-appellat f’ dak il-mument tat-terminazzjoni kien qed jaghmel xoghol ta’ *labourer* dan ma jqeghdux, ghal dik ir-raguni, fil-klassi ta’ appartenenza li ma hijiex dik ta’ xi wahda mis-suddivizjonijiet l-ohra (barra minn dik taz-

zebbiegha) li jsemmi x-xhud Saviour Coppini. Dan anke ghaliex huwa difficli ghal din il-Qorti illi taccetta bhala proposizzjoni gusta illi ghax l-appellat kien f' dak il-mument jaghmel dak it-tip ta' xoghol, *ergo* dan gab mutazzjoni ta' dik il-klassi, x' aktarx teknika, li maghha kien akkoppjat l-ewwel darba meta gie ingaggat mill-kumpanija. Klassi din li, kif jidher mid-dokumenti esebiti, l-istess socjeta` appellanti ma dehrilhiex li kellha timmodifika nonostante li assenjatlu mansjonijiet differenti minn dawk li ghalihom kien gie assunt. Gja din il-Qorti kellha okkazjoni telabora aktar fuq punt konsimili, anke jekk b' fatti distinti. Ghal kunsiderazzjonijiet hekk minnha zvolti qed isir riferenza ghad-decizjoni taghha tat-18 ta' Ottubru 2006 in re: "**Victoria Spiteri -vs- St. Catherine High School**" u taghmilhom applikabbli ghal kaz prezenti;

Rigwardata l-qaghda guridika taht dan il-profil, ankorke kellha din il-Qorti tqieghed fil-genb il-motivazzjoni tat-Tribunal, xorta wahda l-konkluzjoni li qed tirraggungi fuq ir-riflessjonijiet maghmula hi dik li, attiz li kien hemm mill-kumpanija appellanti ezercizzju genwin ta' *redundancy*, l-appellat ma kellux ikun kolpit bih. Dan ghar-raguni li ma ssibx li fil-kaz tieghu kien hemm dik l-ottemperanza fidili mad-dispost ta' l-Artikolu 36 (4) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------